MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 683/2007/1

**Lawrence u Concetta Maria konjugi Cauchi**

**v.**

**Dr. Patrick Spiteri u martu Sylvana Spiteri**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat li ressqu l-atturi fil-25 ta' Gunju, 2007, li jaqra hekk:
"1. Peress illi l-intimati huma debituri tar-rikorrenti fis-somma komplessiva ta' Lm60,000 sittin elf lira maltin, u

dan skond ma jammettu l-istess intimati meta gew mitluba jhallsu l-ammont imsemmi.

“2. Peress illi dan id-debittu huwa cert, likwidu, u dovut u l-intimati m’ghandhomx eccezzjonijiet x’jaghtu u ghalhekk il-kawza tista’ tinqata’ ai termini tal-Artiklu 167 tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“3. Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex din il-Qorti m’ghandiex:

“(1) Taqta’ u tiddeciedi l-kawza ai termini tal-Artiklu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili u cioe’ bid-dispensa tas-smigh tal-kawza u;

“(2) Tikkundannahom ihallsu lir-rikorrenti l-ammont ta’ Lm60,000 – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

“Bl-imghax legali mid-data tal-prezenti att sal-gurnata tal-effettiv pagament u bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa jibqghu ngunti ghas-subizzjoni taghhom.”

Rat li l-konvenut Dr. Patrick Spiteri, debitament notifikat, ma ressaq ebda twegiba u baqa’ kontumaci;

Rat il-verbali tat-12 ta’ Ottubru 2007, quddiem l-ewwel Qorti li bih il-konvenuta Sylvana giet awtorizzata tikkontesta l-kawza;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta Sylvana Spiteri li in forza taghha eccepiet illi
“1. Preliminarjament ir-rikors guramentat, huwa null stante illi ma jsegwix ir-rekwiziti mposti mill-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) l-Artiklu 154, specifikament illi l-oggett tal-kawza ghandu jkun imfisser b’mod car u f’paragrafi numerati separatament u t-talba jew talbiet ghandhom ikunu numerati wkoll. Illi r-rikorrenti m’ghamlu l-ebda distinzjoni bejn l-oggett tal-kawza u t-talbiet taghhom u konsegwentement dan in-nuqqas issarraf fin-nullita’ tar-rikors guramentat.

“2. Fit-tieni lok u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti jehtiegu jippruvaw il-kreditu taghhom.

“3. Fit-tielet lok, ir-rikors guramentat huwa bbazat fuq dikjarazzjonijiet inveritieri u ghaldaqstant ghandu jigi michud. Huma nveritieri l-istqarrijiet guramentati tar-rikorrenti fejn jinghad ‘skond ma’ jammettu l-istess intimati’ u wkoll ‘l-intimati ddikjaraw ruhhom veri, certi u likwidi debituri favur tieghi…’u dan stante illi l-intimata Sylvana Spiteri qatt m’ammettiet li ghandha xi debitu fil-konfront ta’ Lawrence u Concetta konjugi Cauchi. Hija qatt ma ltaqghet mal-konjugi Cauchi u qatt ma kellmithom u lanqas ikkomunikat maghhom b’xi mod iehor u ghalhekk wisq inqas ammettiet maghhom li ghandha taghtihom xi flus.

“4. Fir-raba’ lok, hija nvertiera wkoll l-istqarrija guramentata tar-rikorrenti fejn jinghad ‘meta gew mitluba jhallsu l-ammont imsemmi’ stante illi l-intimata Sylvana Spiteri qatt ma giet mitluba thallas kwalunkwe ammont minn Lawrence u Concetta Maria konjugi Cauchi.

“5. Illi fil-hames lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici ghandha tigi michuda fil-konfront ta’ l-eccipjenti Sylvana Spiteri stante illi l-ammont pretiz, se mai, jirrigwarda negozju li sar mal-intimat Dr. Patrick Spiteri ad eskluzjoni u ad insaputa ta’ Sylvana Spiteri, stante illi bhalissa hemm proceduri ta’ separazzjoni ghaddejjin bejn il-konjugi Spiteri.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta’ Ottubru, 2008, li biha l-kawza giet deciza fis-sens li gej:
“Prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimata;
U fil-kontumacja ta’ l-intimat Dr.Patrick Spiteri;
Tilqa t-talbiet tar-rikorrenti;
U tikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti l-ammont ta’ Lm60,000 ekwivalenti ghal-(€139,762.40);
Bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni sal-gurnata tal-effettiv pagament, u bl-ispejjez kontra l-intimati.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjoniiet:
“In linea preliminari fl-ewwel eccezzjoni l-intimata eccepiet li talba attrici tikkontravjeni d-dispost ta’ l-Artikolu 154 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, (proprjament 156). Dan fis-sens illi din ma tikkontjenix “tifsir car u sewwa ta’ l-oggett u r-raguni tat-talba”.

“Il-Qorti difficilment tara s-serjeta` wara din l-eccezzjoni in kwantu jidher ovvju illi din giet semplicement mitfugha bhala difiza addizzjonali ohra u xejn izjed. Hija taghmel accenn fugaci u generiku ghat-test (zbaljat) tal-ligi minghajr ma mbaghad affrontat bizzejjed, b’senjalazzjonijiet serji u sufficcjenti, ir-raguni guridika ghall-eccezzjoni minnha moghtija.

“Il-ligi ma tirrikjedix kliem partikolari ghal kif ghandhu jigi formulat rikors guramentat imma bizzejjed jiftiehem x’ikun qed jintalab. (Ara d-decizjonijiet a Vol. XLIII P II p 748; Vol. XXXIV P II p 502; Vol. XXIX P I p 431, fost bosta ohrajn). Fil-kaz in ezami r-rikors guramentat hu car bizzejjed u jissodisfa r-rekwiziti tal-ligi kif ukoll fih bizzejjed fuqhiex l-intimata tiddefendi ruhha. Tant hu car li l-intimata pprezentat diversi eccezzjonijiet u l-intimat  l-iehor lanqas ikkontesta.

“Dwar it-tieni eccezzjoni ma saret ebda kontestazzjoni u r-rikorrenti rnexxilhom jippruvaw il-kreditu taghhom billi xehed l-attur fuq l-istess, u l-intimat Dr.Spiteri kien ammetta li l-ammont mitlub hu dovut u li hu kien se jhallas. Xehdu fl-istess sens missier l-attur u Dr.J.Schembri. L-intimata mhux qed tikkontesta l-ammont per se imma li hi mhiex responsabbili ghal dan id-debitu.

“Fit-tielet eccezzjoni Sylvana Spiteri tghid li hija qatt m’ammettiet li ghandha xi debitu fil-konfront ta’ Lawrence u Concetta konjugi Cauchi u li hija qatt ma ltaqghet mal-konjugi Cauchi u qatt ma kellmithom u lanqas ikkomunikat maghhom b’xi mod iehor.

“Fir-raba’ eccezzjoni l-intimata tghid li hija qatt ma giet mitluba thallas kwalunkwe ammont minn Lawrence u Concetta Maria konjugi Cauchi.

“Fil-hames eccezzjoni l-intimata teccepixxi li l-ammont pretiz jirrigwarda negozju li sar mal-intimat Dr. Patrick Spiteri ad eskluzjoni u ad insaputa taghha, stante illi bhalissa hemm proceduri ta’ separazzjoni ghaddejjin bejn il-konjugi Spiteri.

“Tikkunsidra

“Ir-rikorrenti jammetti li fl-inkontri li kienu jsiru ma’ Dr.P.Spiteri l-intimata qatt ma kienet tkun prezenti. L-attur pero’ xehed li dan id-debitu hu tal-konjugi Spiteri billi meta kien ikellem lill Dr.Spiteri dan kien ighidlu li hu kien qed jitkellem kemm ghalih kif ukoll ghal martu u li kellu prokura taghha. Fil-fatt Dr. Spiteri kien urihom il-prokura li kellu minghand l-intimata izda sussegwentement kien infurmahom ukoll li fis 16 ta’ Lulju 2007 Mrs.Spiteri kienet baghtitlu ittra permezz tal-Avukat Thake fejn infurmatu li kienet qed tirrevokalu kwalunkwe prokura li setgha kellu.

“Ir-rikorrenti spjega li hu kien ghaddha l-flus lill Dr. Spiteri hafna qabel ma Mrs. Spiteri ippruvat tirrevoka l-prokura lill zewgha permezz ta’ ittra privata u qabel ma hi kienet bidet il-proceduri ta’ separazzjoni. Fil-fatt in-negozju kienu sar xi ghaxar snin ilu. Ir-rikorrent jikkontendi ghalhekk li negozju sar fiz-zmien meta kienet tezisti l-kommunjoni ta’ l-akkwisti bejn l-intimati u sar mill-intimat bhala parti mix-xoghol tieghu ta’ Avukat u konsulent finanzjarju. Ghalhekk l-intimat Dr.Spiteri ma kien qed jaghmel xejn ad insaputa ta’ martu jew wara dahar l-intimata, imma kien qed jaghmel ix-xoghol professjonali normali tieghu u li l-intimata kienet taf bih u kienet kompartecipi fih kif se naraw.

“L-intimata tghid li hi ma kientx taf x’kien l-involviment ta’ zewgha fil-professjoni tieghu ta’ Avukat u fin-negozu li kien qed jaghmel f’isem xi kumpaniji. Dan pero’ l-intimata ma tistax tghidu billi hi stess esebiet zewg kuntratti li juru li apparti li hija kienet direttrici fil-kumpanija li kienet taghmel

in-negozju, kienet taf x'kien in-negozju ta' zewgha u hi kienet hadet parti fih personalment.

"Apparti dana pero anke jekk l-intimata tghid li sar xi haga minn zewgha wara darha hija dejjem kellha l-protezzjoni tal-ligi biex tannulla dak li sar a detriment taghha (ara artikolu 1326 tal-Kap 16), izda l-intimata jidher li ma hadet ebda passi f'dan is-sens biex tannulla xi att pregudizzjevoli ghaliha.

"Dwar il-prokura l-intimata mhux qed tikkontesta li hija ffirmat dik il-prokura izda qed titfa dubbju fuq dak li xehed in-Nutar Micallef li hi ffirmat fil-prezenza tieghu. Hi pero ma teskludiex li zewgha setgha taha l-prokura biex tiffirmaha meta kienet id-dar. (ara fol 43). In-Nutar B. Micallef ezebixxa kopja ufficjali ta' dina l-prokura bil-firma awtentikata ta' l-intimata li saret fil-presenza taghha. Hu xehed li jekk il-kuntratt ighid li l-partijiet iffirmaw quddiemu sinjal li l-partijiet kienu prezenti. Hu mhux se jghid li ffirmaw quddiemu meta l-persuna ma tkunx prezenti, specjalment f'prokuri.

"L-intimata xehdet li kienet iffirmat xi dokumenti li zewgha kien gabilha id-dar u jista' jkun li taha wkoll il-prokura in kwistjoni biex tiffirma, izda jekk dan kien il-kaz, hi kien minghalija li qed tiffirma dokumenti ghall-bank relatati ma' *loan* li kienu ser jiehdu (ara fol 43). Izda jekk l-intimata ma apprezzatx l-import legali ta' dak li kienet qed tiffirma it-tort ma hu ta' hadd hlief taghha stess, ghax ma kellhiex taqbad u tiffirma dokument ta' piz legali bhal dak minghajr ma taccerta ruhha dwar dak li qed tiffirma jew tiehu parir professjonali dwar l-effetti taghha. Il-fatt li l-intimata seta' kienet taht "l-impressjoni" li kienet qed tiffirma dokument iehor u mhux il-prokura, din wahedha, mhiex raguni ghat-thassir tal-prokura u l-obbligi li ggib maghha. Dan f'kull kaz mhux zball skuzabbli, u jekk hu veru li hasbet hekk, "jibqa' li kienet traskurata ghax iffirmat minghajr ma qrat il-karta jew talbet li tigi spjegata lilha.

"L-intimata tghid li hija qatt ma kienet rat il-prokura qabel u saret taf biha meta giet ezibita fil-Qorti. Ghalhekk kienet tablet lill Dr.Thake biex jikteb l-ittra a fol 30. biex ihassar

kwalunkwe prokura li kien hemm. Jirrizulta pero' li dina l-prokura giet ezibta fil-Qorti fil 21 ta' Dicembru 2007 mentri l-ittra kienet intbgahtet fis 16 ta' Lulju 2007 ghalhekk jidher li l-intimata kienet taf li zewgha kellu l-prokura taghha qabel.

"Ghalhekk l-intimata hija responsabbili ma' zewgha ghall-obbligazzjonijiet minnha assunti mieghu fil-konfront tar-rikorrenti."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuta Sylvana Spiteri li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata moghtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn din ordnat lill-intimata Sylvana Spiteri thallas lir-rikorrenti l-ammont ta' Lm60,000 ekwivalenti ghal €139,762.40 u minflok tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-appellanti u tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati appellati.

Rat ir-risposta tal-atturi li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, issottomettew illi t-talbiet tal-appellanti kontenuti fir-rikors tal-appell taghha ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha stante li t-talbiet hemm kontenuti ma jistghux u ma ghandhomx jigu milqugha u s-sentenza appellata tigi konfermata fit-totalita` taghha – bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellanti.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi dawn huma proceduri li l-atturi fethu biex jirkupraw is-somma ta' Lm60,000 (illum €139,762.40) li huma kienu sellfu lil Dr. Spiteri. Dan tal-ahhar ammetta li kien issellef dawn il-lfus u li ghandu obbligu li jroddhom lura lill-atturi, tant li ma ressaq ebda risposta ghat-talba attrici. Il-konvenuta l-ohra, mart Dr. Spiteri, pero`, ikkontestat il-kreditu billi qed tghid, fost affarijiet ohra, li hi ma taf xejn

dwar dan il-kreditu, u, f'kull kaz, hi u/jew sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti vigenti bejna u zewgha, mhux responsabbli ghar-rifuzjoni.

L-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuta wara li kkonstatat li hi kienet tat prokura lil zewgha biex dan jidher ghaliha fuq atti straordinarji ta' amministrazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

Il-konvenuta appellat mis-sentenza u resqet zewg aggravji: (1) il-kreditu ma giex sodisfacentement ippruvat mill-atturi, u (2) it-transazzjoni meritu tal-kawza ma kenitx koperta bil-prokura.

Trattat l-ewwel aggravju, din il-Qorti tara li, fil-waqt li hu veru li kien ikun ahjar li kieku l-atturi esebew l-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu li jghidu li ghandhom, u li din kienet tkun l-aqwa prova tal-kreditu, in-nuqqas li jigi esebit dan id-dokument ma jfissirx li l-atturi ma jistghux jipprovaw mod iehor il-pretensjoni taghhom.  Fi kliem iehor, in-nuqqas tal-"aqwa prova" ma jwassalx ghac-cahda tat-talba meta jkun hemm provi ohra li juru l-ezistenza tas-self.  Din il-Qorti, fil-fatt, fil-kawza **Fenech v. Portelli**, deciza fis-27 ta' Lulju, 2007, kienet ghamlet dawn iz-zewg osservazzjonijiet, fost ohrajn, dwar x'tip ta' prova hi rikjesta f'kawza civili:
"*Il-principju tal-piz tal-prova ma jfissirx illi d-dimostrazzjoni tal-fatt kostituttiv ta' dritt vantat u pretiz, trid tigi rikavata minn prova wahda u dik biss.  Wiehed jista' jutilizza elementi probatorji akkwiziti mill-process – ir-rizultanzi istruttorji jistghu jigu ottenuti b'kull mod purke` dawn iservu ghall-formazzjoni u konvinciment tal-gudikant.*

*"Fil-kamp civili l-gudikant ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex u mhux fuq semplici possibiltajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet. Dak li hu necessarju hu jekk spjegazzjoni hix verosimili*."

Hekk ukoll, per ezempju, f'kaz ta' allegazzjoni ta' pagament, l-ahjar prova hija ircevuta ta' hlas, pero`, intqal

kemm-il darba mill-qrati taghna li n-nuqqas ta' ircevuta ma jtellifx lid-debitur li jipprova l-hlas bi kwalunkwe mod iehor permessibbli mil-ligi (ara, fost ohrajn, **Desira v. Barbara**, deciza minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fid-9 ta' April, 2010, **Joseph Said Ltd v. Sammut**, deciza mill-istess Qorti fit-12 ta' Gunju, 2009, u **Mizzi v. Filletti**, deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Jannar, 2000).

F'dan il-kaz il-prova tirrizulta cara mill-ammissjoni tal-konvenut Dr. Spiteri li, qabel ma gew istitwiti dawn il-proceduri, kien ghamel fil-prezenza ta' tlett xhieda, li lkoll ikkonfermaw l-istess ammissjoni. Il-prova li trid issir hi dik mehtiega biex il-Qorti tkun konvinta b'dak li qed jigi allegat, u f'dan il-kaz l-ewwel Qorti, wara li semghet it-tlett persuni jistqarru quddiemha kif u meta d-dejn kien gie ammess minn Dr. Spiteri, hassitha konvinta bl-ezistenza tieghu. Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi prodotti, taqbel illi l-ammont imsemmi kien attwalment dovut zgur mill-konvenut Dr. Patrick Spiteri.

Ghar-rigward tar-responsabbilita` ta' Sylvana Spiteri, jigi rilevat mill-ewwel li, ai termini tal-Artikolu 1322(3) (f) tal-Kodici Civili, li tissellef flus hu att ta' amministrazzjoni straordinarja li jehtieg il-kunsens ta' kull wahda mill-partijiet mizzewga. L-Artikolu 1326(1) tal-istess Kodici jipprovdi, pero`, li atti li jehtieg il-kunsens taz-zewg partijiet mizzewga izda li jitwettaq minn parti wahda minghajr il-kunsens tal-parti l-ohra, <u>ma jkunx null</u>, izda jista' jigi annullat fuq it-talba tal-parti l-ahhar imsemmija, jekk l-att johloq jeddijiet li jkunu inghataw b'titolu gratwitu. Min-naha l-ohra, l-Artikolu 1326 (5) jghid li att bhal dan li jkun dwar mobbli u ma jkunx jinvolvi fih gratuwita` <u>ma jistax jigi annullat</u> – salv id-dritt ta' reinterazzjoni (ara **Bugeja v. Micallef** deciza minn din il-Qorti fis-27 ta' Gunju, 2003, **Montebello Enterprises Ltd. v. Cutajar**, deciza minn din il-Qorti fis-26 ta' Jannar, 2007, <u>**Waitt v. Lloyd et**</u>, deciza wkoll minn din il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 2010, u **Difeza et v. Meilak et**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Novembru, 2009). Ifisser allura li, indipendentement mill-validita` u l-effetti tal-prokura li l-appellanti allegatament tat lil zewgha, la darba dak id-dejn ma giex attakkat, jew ma jistax jigi attakkat, tali dejn huwa dejn validu tal-

komunjoni tal-akkwisti bejn il-konjugi Spiteri. Kwindi, fil-konfront tal-atturi kredituri, il-konjugi Spiteri huma responsabbli t-tnejn, tramite il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom, li jroddu lura l-flus mislufa, u l-appell ta' Sylvana Spiteri ma jistax, ghalhekk, jigi milqugh.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijet premessi, u mhux necessarjament ghall-istess ragunijiet addottati mill-ewwel Qorti, tiddisponi mill-Appell interpost minn Sylvana Spiteri billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez in prim istanza jithallsu kif iddecidiet l-ewwel Qorti, waqt li dawk ta' din it-tieni istanza jithallsu kollha mill-appellanti Sylvana Spiteri.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------